**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
(Spett.Mark Anthony Mercieca)

Vs

**Mustafa Omar Mohammed**
(K.I. 118543A)

**Illum, 8 ta' Ġunju 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Mustafa Omar Mohammed,** ta' 42 sena iben Mustafa u Huria neè Salem, imwieled il-Libja nhar it-2 ta' Ġunju 1980 u residenti ġewwa t'Apap Court, Flat 3, Triq Dun Spir Gauci, Munxar, detentur tal-karta tal-identità numru 118543A u akkużat talli ġewwa dawn il-Gżejjer, nhar is-16 ta' Ġunju 2020 kif ukoll fil-jiem ta' qabel din id-data

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datata s-26 ta' Jannar 2023 sabiex l-imsemmi akkużat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrih;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat ġie mwaqqaf mill-membri tal-pulizija hu u qed isur 'l barra mill-vapur tal-Gozo Channel ġewwa l-Port tal-Imġarr waqt li kien għadu fil-*marshalling area.* Minn tfittxija li saret fuqu u fil-vettura tiegħu nstabet is-sustanza *cannabis* fl-ammont ta' 32.75grammi.

Illi l-akkużat ammetta mal-ewwel involviment tiegħu mal-pulizija u stqarr li d-droga li nsabet fil-pussess tiegħu kienet għall-użu personali tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u anke llum stess fl-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi l-ammont ta' cannabis li stab fuq persuntu kien wieħed minimu u li nstab f'ċirkostanzi li juru li l-użu tal-cannabis huwa wieħed personali.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(d) u l-artikolu 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Mustafa Omar Mohammed <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal multa ta' ħames mitt Ewro (€500).

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**